MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 1309/2007

**Josepha Carabott (ID352559M) f`isimha proprio u bhala mandatarja specjali ta` huha John Spiteri (ID574062M), Carmel Spiteri (ID353248M), Maria Concetta Biomonte (ID009510M) u Elizabeth Farrugia (ID882153M)**

***kontra***

**Vincent Spiteri**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-14 ta` Dicembru 2007 li jaqra hekk –

*1. Illi l-kontendenti huma ulied il-mejta genituri taghhom Rosario u Maria Agnese mizzewgin Spiteri.*

*2. Illi l-missier miet fit-30 ta` Awissu 2007 fl-eta` ta` 85 sena filwaqt li l-omm mietet fl-24 ta` Mejju 2006 fl-eta` ta` 83 sena.*

*3. Illi skond ma kienu ddisponew fl-ahhar testment taghhom il-genituri tal-kontendenti kienu nnominaw u istitwew lis-sitt uliedhom bhala l-eredi taghhom f`sehem u kwoti ndaqs.*

*4. Illi l-unika proprjeta` immobiljari li kellhom l-imsemmija genituri taghhom kienet id-dar li ggib l-isem "Mary House" New Street Paola, apparti xi depositi zghar fil-banek u ghalhekk hekk kif mietet l-omm il-parti taghha ddevolviet fuq is-sitt itfal fi kwoti ndaqs bejniethom u kwindi, mal-mewt taghha, huma gew li jippossjedu, in proprieta, dodicezima parti indiviza kull wiehed u wahda minnhom mill-imsemmija dar.*

*5. Illi waqt li l-missier kien ghadu haj huwa ddona l-parti tieghu mill-imsemmija dar, u cioe` n-nofs indiviz, lill-intimat permezz ta` kuntratt tal-14 ta` Settembru 2006 fl-atti tan-Nutar Roberta Bisazza.*

*6. Illi fiz-zmien meta missier il-kontendenti ghamel l-imsemmija donazzjoni ma kienx kapaci li jiddisponi mill-proprjeta` tieghu fis-sens li ma kienx kapaci jifhem l-importanza u l-konsegwenza li kien jimporta l-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv, billi kien qieghed jihfief minn mohhu, u dan kif sejjer jirrizulta waqt il-gbir tal-provi, f`din il-kawza.*

*7. Illi ghalhekk missier il-kontendenti ma kellux il-fakoltajiet u kapacita` mentali biex jikkontratta in kwantu kien affett minn disturbi psikici u b`hekk il-kunens tieghu kien ukoll vizzjat.*

*8. Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex (1) tiddikjara u tiddieciedi illi missier il-kontendenti fil-mument tal-kuntratt fuq riferit tal-14 ta` Settembru 2006 kien inkapaci li jikkontratta minhabba infermita` mentali, (2) tiddikjara l-imsemmi kuntratt tal-14 ta` Settembru 2006 pubblikat min-nutar Roberta Bisazza null u bla ebda effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, (3) konsegwentement thassar u tannulla l-kuntratt tal-14 ta` Settembru 2006 fl-atti tan-nutar Roberta Bisazza u dan ghar-ragunijiet imsemmija u minhabba r-ragunijiet kollha fil-ligi u tal-fatti li jirrizultaw, (4) tahtar nutar sabiex jippublika l-att rexxissorju u kuraturi ghall-eventwali kontumaci, (5) tiffissa l-lok, il-jum u l-hin ghall-pubblikazzjoni tal-imsemmi att rexxissorju – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.*

*9. Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa jibqa` ngunt ghas-subizzjoni tieghu.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fit-<u>30 ta` Jannar 2008</u> li taqra hekk –

*1. Illi t-talba ta` l-atturi sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi missier il-kontendenti fil-mument tal-kuntratt ta` donazzjoni kien inkapaci li jikkontratta minhabba infermita` mentali hija nfondata u inveritjiera. Fit-18 ta` Awissu 2006, missierhom Rosario Spiteri saritlu konsulenza medika gewwa Saint James Hospital, fejn proprju f`inqas minn xahar qabel il-kuntratt ta` donazzjoni pubblikat fl-14 ta` Settembru 2006 huwa gie ezaminat*

*akkuratament mill-Psikjatra Dr. Etienne Muscat li ccertifika :*

*"Re: Rosario Spiteri – I.D. 467922M – I have examined Mr. Spiteri regarding his Testamentary Capacity.*

*Mr. Spiteri is alert. He is aware of his circumstances and immediate environment. He is aware of his heritable possessions, of the rationale and process of last will and Testament, and of his potential inheritors. He is also aware of the possibility of altering a Will in future.*

*I find that Mr. Rosario Spiteri I.D. 467922M has intact Testamentary Capacity."*

*Illi in vista ta` din l-attestazzjoni inekwivoka dwar il-kapacita` mentali ta` Rosario Spiteri li jaghmel disposizzjonijiet kuntrattwali jew testamentarji rilaxxjata mill-Psikjatra Dr. Etienne Muscat u Saint James Hospital, l-allegazzjoni ta` l-atturi illi missierhom kien "inkapaci li jikkontratta minhabba infermita` mentali" hija assolutament infondata u inveritjieta.*

*2. Illi, apparti l-Psikjatra Dr. Etienne Muscat, in-Nutar Roberta Bisazza wkoll ghamlet il-verifiki taghha 'prima facie' sabiex tassigura ruhha illi Rosario Spiteri kien kapaci skond il-ligi sabiex jaghmel l-att ta` donazzjoni, u kieku rat illi missierhom ma kellux il-kapacitajiet mentali mehtiega skond il-ligi sabiex jaghmel dan l-att ta` donazzjoni, hija kienet certament tirrifjuta li tippubblika l-imsemmi att – u dan kemm fl-interess ta` Rosario Spiteri stess kif ukoll fl-interess taghha nfisha u tal-professjoni Notarili li tappartjeni ghaliha.*

*3. Illi mhux minnu, ghalhekk, illi missierhom "ma kienx kapaci li jiddisponi mill-proprieta` tieghu fis-sens li ma kienx kapaci jifhem l-importanza u l-konsegwenza" ta` l-att ta` donazzjoni, jew illi "kien qieghed jitfif minn mohhu" kif qed jigi abbusivament allegat mill-atturi.*

*4. Illi missierhom Rosario Spiteri, wara l-mewt ta` martu, kien mar joqghod ma` l-esponent Vincent Spiteri u l-familja tieghu bil-ghan li huma jibqghu jiehdu hsiebu sa l-ahhar ta` hajtu. Fil-fatt, missierhom kien ilu sena u xahrejn jghix ma` l-esponent u l-familja tieghu, u dawn kienu jiehdu hsiebu u jindokrawh fil-bzonnijiet tieghu fl-eta` avvanzata tieghu. Ghalhekk id-donazzjoni ma saritx b`mod fieragh, izda bil-ghan li Rosario Spiteri jikkompensa lill-esponent talli obbiga ruhu li jiehu hsiebu sa l-ahhar, kif fil-fatt ghamel.*

*5. Illi ghalhekk m`hemm l-ebda raguni valida u gusta fil-ligi sabiex il-kuntratt tal-14 ta` Settembru 2006 fl-atti tan-Nutar Roberta Bisazza jigi mhassar u annullat.*

*6. Illi l-mandat ta` inibizzjoni numru 1703/07, mahrug minn din l-Onorabbli Qorti fis-16 ta` Novembru 2006 ex abbundantia cautela, ghandu jigi revokat stante illi m`hemm l-ebda gustifikazzjoni ghalih.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tal-1 ta` Frar 2008 fejn ordnat illi jigu allegati l-atti tal-Mandat ta` Inibizzjoni Nru.1703/07.

Rat l-atti ta` l-Mandat.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` l-atturi kollha [hlief John Spiteri] u d-dokumenti li kienu esebiti (fol 16 sa fol 27) ta` Charles Farrugia, Ramona Carabott, Gaetano Carabott, Rosemary Spiteri u Maria Spiteri (fol 30 sa fol 37) u ta` Alan Scicluna (fol 40 u fol 41).

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-konvenut u d-dokumenti li kienu esebiti (fol 45 sa fol 72).

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tan-Nutar Dottor Roberta Bisazza fl-udjenza tas-26 ta` Jannar 2009 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (fol 79 sa fol 87).

Semghet ix-xiehda tat-Tabib Psikjatra Etienne Muscat fl-udjenza tas-16 ta` Marzu 2009 (fol 89 sa fol 105).

Semghet il-kontroezami tal-atturi Carmelo Spiteri u Elizabeth Farrugia fl-udjenza tal-21 ta` Mejju 2009 (fol 107 sa fol 127), u dak tal-attrici Maria Concetta Biomonte u tal-attrici Josepha Carabott (fol 129 sa fol 153) fl-udjenza tas-6 ta` Ottubru 2009.

Semghet il-kontroezami tax-xhieda Charles Farrugia, Gaetano Carabott u Alan Scicluna fl-udjenza tat-2 ta` Marzu 2010 (fol 160 sa fol 185).

Semghet il-kontroezami tal-konvenut fl-udjenza tal-1 ta` Gunju 2010 (fol 187 sa fol 190) u fl-udjenza tal-10 ta` Marzu 2011 (fol 212 sa fol 229).

Semghet ix-xiehda ta` Dr. Zaid Teebi fl-udjenza tat-12 ta` Ottubru 2010 (fol.197 sa fol 205).

Ikkostatat l-gheluq tal-provi tal-partijiet fl-udjenza tal-10 ta` Marzu 2011 (fol 211).

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet : dik attrici minn fol 234 sa fol 241 u dik tal-konvenut minn fol 242 sa fol 251.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta` Frar 2012 fejn, wara li kkostatat illi l-partijiet ma kellhomx sottomissjonijiet ulterjuri x`jaghmlu oltre dak li inghad fin-noti ta` sottomissjonijiet, halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat illi tinsab f`qaghda li tiddeciedi l-kawza llum.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

L-attrici **<u>Josepha Carabott</u>** xehdet illi l-genituri taghha Rosario u Maria Agnese konjugi Spiteri, illum mejtin, kienu jippossjedu d-dar 'Mary House', New Street, Paola, li kienu xtraw waqt iz-zwieg taghhom. Skond testment *unica charta* ppubblikat min-Nutar Alexander Sciberras Trigona fit-2 ta` April 1984, il-genituri kienu nnominaw lilha u lill-hames hutha l-ohra bhala eredi taghhom fi kwoti ndaqs bejniethom. Lejn l-ahhar ta` hajtu, missierha kien sar inkapaci li jiddisponi mill-propjeta` tieghu. Fl-14 ta` Settembru 2006, il-missier ta b`donazzjoni lill-konvenut is-sehem tieghu u cioe` n-nofs indiviz tad-dar fuq riferita. Meta saret id-donazzjoni, il-missier kien diga` telaq minn mohhu. Tat ezempji. L-ghada stess tal-funeral ta` l-omm, meta marret tarah, il-missier staqsa ghalfejn ommha ma kenitx marret tarah. Ix-xhud fakkret lil missierha li ommha giet nieqsa u kienet indifnet il-lejl ta` qabel. Missier baqa` jmeriha, beda jghid li ma kienx minnu, u ried li l-omm tmur tarah l-ghada. Dan kollu minkejja li Rosario kien ra lil Maria Agnese mejta u

mar ghall-funeral taghha.  Tghid illi ghalkemm ra l-katavru ta` martu, Rosario xorta ried jaghtiha x`tiekol u ried jghattiha ghax qal li kienet bil-guh u sejra thoss il-bard.

Carabott kompliet tixhed illi l-genituri taghha kellhom somma sabiha depozitata l-bank.  Wara l-mewt ta` l-missier, saret tfittxija fil-banek, u rrizulta li l-missier kien ta prokura lill-konvenut u dak zbanka prattikament kollox u zamm kollox ghalih.  Hi u hutha kienu jduru bil-genituri taghhom.  U kienu jitqassmu ghal dak l-iskop.  Milli kien ighidilhom il-missier, setghu jindunaw li mohhu kien spicca ghax kien jinsa hafna u jgerfex fid-diskors.  Meta l-missier kien jircievi c-cekkijiet tal-pensjoni, kemm dik lokali kif ukoll dik tas-servizzi, il-missier kien jinsa jsarraf ic-cheques, u dan anke meta kienet ghadha hajja l-omm.  Wara l-mewt taghha, saret taf li kien hemm diversi cekkijiet li ma ssarfux u fuq intervent taghha u ta` hutha mal-awtoritajiet, irnexxielha tissostitwixxi dawk ic-cekkijiet u ssarrafhom.  Missierha kien ghamel prokura a favur taghha biex tiehu hsieb din il-kwistjoni u hi kienet ghamlet kollox b`mod li c-cekkijiet tal-pensjoni jigu depozitati direttament fil-kont tieghu l-bank.

Carabott fissret illi wara l-mewt ta` ommha, missierha spicca jorqod fil-garaxx ta` huha l-konvenut fejn lanqas kellu kamra tal-banju mieghu fil-garaxx, ghalkemm kellu vaska tat-toilet. Wara l-mewt ta` l-omm, fi zmien meta missierha kien rikoverat l-isptar, huwa kien harab almenu darbtejn u spicca tela` fuq ix-xarabank bil-pigama u baqa` sejjer ghand ohtha, Maria Concetta li kienet toqghod hdejn il-genituri taghha. Meta ohtha staqsiet lill-missier ghala hareg bil-pigama, huwa kien irrisponda li kien gej mix-xoghol. Spjegat li darb`ohra, missierha kien mal-konvenut u dan tellghu r-Rabat izda imbaghad missierha harab u rega` mar ghand ohtha Maria Concetta. Qal li f`okkazjoni ohra, missierha, meta kien ghand ohtha Maria Concetta, ried bilfors jitlaq minghandha u jmur lura d-dar ghax qal li kellu lil huh u martu, li kienu jghixu l-Ingilterra, jistennewh.  Kien insista li lejliet dakinhar kienu ghandu u kielu mieghu u mal-mara tieghu – dana meta l-

mara tieghu kienet diga`  mietet kif kienu mietu wkoll huh u martu.

Tghid illi fl-ahhar ta` hajtu, missierha ma kienx kapaci jikkontrolla l-bzonnijiet tieghu u ghalhekk kien spicca jilbes in-*nappie.* Ma kenitx l-ewwel darba, wara l-mewt ta` ommha, li missierha kien irid iqum mis-sodda u jmur jahdem Sant`Anglu, fejn meta kien jahdem, kien attwalment imur ghax-xoghol. Missierha ma kienx jimla l-formula tat-taxxa u lanqas ma kien ihallas dak minnu dovut u per konsegwenza, hi u hutha rcevew zewg kontijiet. B`mod generali, missierha kien inkapaci li jdur bih innifsu u certament inkapaci li jiddisponi mill-proprjeta` tieghu. Missierha lanqas ma kien fadallu l-valur tal-flus fis-sens li ghalih karta ta` ghaxar liri ma kelliex il-valur taghha. Huwa ma kienx ghadu kapaci jaqra l-arlogg fuq l-idejn u kien dejjem isaqsi l-hin biex ikun jaf x`hin kien. Lanqas ma kellu s-sens tal-granet – ghalih gurnata tul il-gimgha, kienet liema kienet, u tmiem il-gimgha, u l-Hadd kienu xorta wahda. Li kien jimportah kien biss li x`hin jistenbah, anke jekk ikun mal-lejl, kien ikun irid jilbes u jitlaq ’il barra. Il-konvenut kien infurmaha li meta missieru kien jorqod, huwa kien issakkar il-bieb tal-garaxx sabiex jaccerta ruhu li jekk missieru jqum mal-lejl, anke biex jaghmel il-bzonn tieghu, ma kienx ifettilu jitlaq ’il barra, bil-pigama b`kollox jew bin-*nappie* u bil-flokk fi zmien is-sajf. Il-konvenut gieli ha lil missieru Bormla fejn kien solitament imur jixrob mal-hbieb tieghu u kien iressaq nies ohra sabiex joqghodu mieghu biex jassigura li missieru ma kienx jaqbad u jahrab.

Carabott qalet li ftit taz-zmien qabel saret il-kuntratt ta` donazzjoni, wara l-mewt ta` ommha, missierha ghamel xi xahar jghix maghha u ma` hutha Carmelo u Elizabeth. Billi kien verament ezigenti, ta` rasu u inkapaci li jahseb ghal rasu ghax kien telaq minn mohhu, hu kien jghajjarhom u ghalhekk kienu jzommuh gurnata kull wiehed. Wara li mbaghad mar jghix ghand il-konvenut, meta gieli harab, kien imur ghand Maria Concetta li kienet iccempel lill-konvenut. Qabel il-kuntratt, missierha ghamel

zmien diehel u hiereg l-isptar fejn kien kontinwament isaqsi ghall-mara. Lanqas kien jirrealizza li kien l-isptar ghax kien dejjem jghid li qed jghix wahdu. Meta huha Johnny gie mis-safar, Rosario missieru lanqas ma gharfu tant li hasbu hu l-mara tieghu. Missierha kien jiehu hafna pilloli. Meta kienet ghadha hajja Maria Agnese, huwa gieli ha l-pilloli ta` martu minflok tieghu. Rosario kien jitlef hafna appuntamenti l-isptar peress li kien jinsa li kellu jmur l-isptar. Meta kienet ghadha hajja Maria Agnese, il-missier kien gieli jghid li qed jara n-nies gol-gnien meta dan ma kienx ikun il-kaz.

Fil-**kontroezami**, Josepha Carabott sostniet li missierha kien jitqassam bejn l-ahwa. Imbaghad il-konvenut mar ghand huha u talbu sabiex jiehu lil missieru go daru ghax ma ridux aktar jigri minn dar ghal dar ghal hutu. Il-konvenut kien ha lil missieru harga u gabu lura fis-sakra u kollu awrina. Meta missierha kien ittiehed id-dar, suppost kellu jmur il-konvenut biex jitkellmu l-ahwa kollha izda l-konvenut baqa` ma marx. Hi u hutha hallew lill-missier ghand il-konvenut ghaliex dak ma riedx li huma jiehdu hsiebu. Missierha kellu bzonn lil xi hadd mieghu erbgha u ghoxrin siegha kuljum peress li gieli kien iqum bil-lejl u jkun irid johrog. Huma kienu lesti jaghmlu dak kollu li kien hemm bzonn ghall-ahjar ta` missierha. Ikkonfermat li qatt ma hadet lil missier ghand psikjatra. Haditu ghand tabib. Qatt ma haditu ghand psikjatra ghax hi u hutha kienu jghidu li dan kien xjah u li qed jinsa minhabba l-eta`. Meta miet, Rosario kellu 85 sena. Marret tarah fl-ahhar tlett ijiem qabel miet peress illi qabel il-konvenut ma kienx ihallieha tara lil missierha. Hi u hutha kienu jiehdu lil missierha ghand it-Tabib Tibi regolarment. Meta tkun sejra tiehdu ghand it-tabib, missierha kien ighidilha biex tiehu lil ommha wkoll ghalkemm kienet diga` mietet. It-tabib kien qal li missierha kien ibati minn *dementia.* Ghalkemm rat ic-certifikat mediku rilaxxjat mill-psikjatra, xorta wahda kienet tal-fehma li missierha kien qed ibati minn mohhu.

L-attrici **<u>Elizabeth Farrugia</u>** kkonfermat ix-xiehda ta` ohtha Josepha Carabott. U ziedet li kull darba li kienet tmur tara lil missierha l-isptar jew fid-dar ta' l-konvenut, huwa kien dejjem jistaqsiha fejn hi l-mara tieghu u ghala ma haditux mieghu. Kull darba kienet tghid lil missierha illi l-omm kienet mietet. Meta kienet tistaqsi lil missierha jekk hutha marrux izuruh, huwa kien dejjem jghidilha li hadd ma kien imur jarah. Hi kienet taf li hutha kienu jmorru jarawh. Meta missierha kien ikun l-isptar, kien jghidilha li ried imur lura d-dar u li kien qed jghix wahdu. Lanqas biss kien jaf li kien qieghed jghix ma` l-konvenut. Rosario kien ghamel xi zmien jghix maghha. Matul dak iz-zmien, kien ikun irid johrog u jghid li jrid imur jahdem. Meta tkellmet mal-konvenut u martu dwar il-fatt li missierha kien telaq minn mohhu, kemm huma t-tnejn kienu jaqblu maghha.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, Elizabeth Farrugia xehdet illi hi u hutha kienu jmorru jaraw lil missierha meta kienet ghadha hajja l-omm. Dak iz-zmien, il-missier kien diga` beda jhawwad. Missierha kien jiehu hsieb l-affarijiet tal-bank hu stess u hadd minn uliedu ma kien imur il-bank. Meta missierha kien jghix ma' l-konvenut, hi xtaqet hafna tmur tarah izda l-konvenut kien baghtilha risposta ma` ohtha Marion li ma ridihiex tmur. F`okkazjoni minnhom, kien Jum il-Missier, hi qabdet u marret u l-konvenut kien halliha tara lil missierha. Ikkomunika ma` missierha. Kellimha. Pero` ma kienx normali. Il-konvenut kien gabar lill-missier minn go daru u hadu jghix mieghu. Cahdet illi hi u hutha ma ridux izommu aktar lil missierha. Cahdet li kien ghalhekk li missierha mar jghix mal-konvenut. Meta l-konvenut ha lill-missier joqghod mieghu ma qalilhomx lil hutu. Meta ltaqghet ma` missierha ghand il-konvenut, il-missier ma kienx f`kundizzjoni li jitkellem u jiftakar. Hija zaret lil missierha ghand il-konvenut fix-xahar ta` Gunju. Miet fix-xahar ta` Awissu. F`dawk it-tliet xhur, kienet tmur tarah kull gimgha. Missierha qatt ma qalilha li ma riedx jibqa` jghix mal-konvenut. Hi hadet lil missierha kemm-il darba ghand it-tabib Dr Zair Tibi. Ghalkemm missierha kien ihawwad, qatt ma hadet proceduri l-qorti biex tnehhi lil missierha mill-amministrazzjoni ta` hwejgu.

In **ri-ezami**, Elizabeth Farrugia fissret illi missierha kien baqa` jaghmel depoziti bankarji sakemm mietet l-omm. Imbaghad Josepha Carabott bdiet tiehu hsieb id-depoziti. Wara li missierha beda jghix mal-konvenut, ma baqghetx tiehu hsieb Josepha Carabott. Ikkonfermat illi ghalkemm il-missier beda jhawwad, huwa xorta ffirma prokura favur Josepha Carabott.

L-attur **Carmelo Spiteri** kkonferma dak li xehdet Josepha Carabott. Missieru ghamel zmien jghix mieghu *on and off.* Kien kontinwament ifittex lil martu. Nesa li kienet mietet. Kien imur jarah l-isptar, meta kien ikun rikoverat hemm. Dejjem tah x`jifhem li kien telaq minn mohhu u ma kienx kapaci li jdur bih innifsu. Lanqas ma kien kapaci jiddisponi mill-proprjeta` tieghu b`mod li dak li ordna li jsir wara l-mewt tieghu gie fix-xejn bil-kuntratt ta` donazzjoni.

Fil-**kontro-ezami**, Carmelo Spiteri ikkonferma li meta l-missier mar joqghod mal-konvenut, huwa qatt ma mar jarah. Missieru kien ghex mieghu ghal zmien qasir hafna. Meta hadu f`idejh il-konvenut, missieru kien sar responsabbilita` tieghu. Il-konvenut beda jiehu hsieb l-affarijiet kollha ta` missieru. Huwa qatt ma ha lil missieru ghand psikjatra biex jiccertifika l-qaghda tieghu, ghalkemm kien tal-fehma li kien mar minn mohhu.

L-attrici **Maria Concetta Biomonte** ikkonfermat dak illi ohtha Josepha Carabott kienet xehdet fl-affidavit taghha.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud kkonfermat li kienet saret prokura minn missierha a favur ta` Josepha Carabott wara l-mewt tal-omm. L-ahwa kollha kienu qablu li jsiru hekk. Missierha kien telaq minn mohhu sa minn qabel mietet l-omm. La qabel u lanqas wara li ffirma l-prokura l-missier

ma kien invistat minn psikjatra. Qatt ma ttiehdu proceduri l-qorti biex missierha jigi inkapacitat jew interdett. Missierha kien jinsisti li jrid imur id-dar ghaliex ghalih kien hemm l-omm tistennieh. Hija kienet hadet lill-missier go *home* ghax ma kelliex fejn izommu. Missierha ma kienx ghamel f`qalbu gol-*home* meta qabad u hadu ghandu l-konvenut. Ghall-bidu l-konvenut ma kien ihalliha jaraw lill-missier izda wara accetta.

**Charles Farrugia** r-ragel ta` l-attrici Elizabeth Farrugia xehed illi hu u martu kienu jiffrekwentaw lil Rosario Spiteri regolarment partikolarment wara l-mewt tal-mara tieghu. Meta kien jitkellem mieghu, Rosario kien igerfex b`mod terribbli. Minkejja li martu kienet mejta, baqa` jsaqsi ghaliha l-hin kollu daqs li kieku kienet ghadha hajja. Oht il-mara tieghu sa anke poggietlu santa tal-mewt ta` ommha fil-but tieghu sabiex forsi jiftakar li martu kienet mietet. Meta kien ghadu f`sahhtu mentalment, huwa kien dejjem jghidlu li jrid ihalli lil uliedu kollha l-istess fis-sens li ried li uliedu jirtuh f`sehem indaqs bejniethom. Kien jghid li '*is-sitta xorta'*. L-ghada tal-funeral ta` martu, Rosario Spiteri kien staqsa ghal martu b`mod li wera li lanqas kien jaf min kien indifen lejliet. Meta Rosario kien jircievi c-cekkijiet, mhux l-ewwel darba li kien jitfaghhom fil-kexxun. Ghall-ahhar sena u ftit, Rosario ma kienx kapaci jzomm konverzazzjoni. Ma kienx kapaci jdur bih innifsu. Mohhu kien li jmur id-dar fejn kien ighix mal-mara avolja kienet maghluqa. Rosario tant kien mar minn mohhu li ma kienx kapaci jiddistingwi il-karti tal-flus. Rosario ghamel zmien qasir jghix mieghu. Dak iz-zmien filli kien ikun qed jitkellem mieghu, u filli kien jaqbad jitlaq u jhallik wahdek. Kien jitla` f`kamartu u kien imur warajh biex jara x`kien ikun qed jaghmel. Kien isibu jghid ir-ruzarju u mbaghad f`daqqa wahda kien jigi lura jara t-televizzjoni u wara ftit jerga' jitlaq u jerga' jmur jitlob. Rosario kien igerfex fit-tehid tal-pilloli. Kien ifalli jew johodhom hazin. Il-mistura gieli xorobha mill-flixkun minflok bil-kuccarina. Meta kienet ghadha hajja martu, huwa kien jghid li kienu qed jidhlu n-nies fil-gnien. Dan ma setax ikun ghax kien hemm hajt gholi sular u ghalhekk persuna ried ikollha tuza sellum biex tghaddi ghal ghandu. Rosario ma kienx

kapaci jdur bih innifsu u wisq anqas kien kapaci jindokra l-affarijiet tieghu.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud qal illi huwa qatt ma zar lil Rosario meta kien ghand il-konvenut ghax hu kellu problemi mal-konvenut. Ma kienx jaf li Rosario baqa` sa qabel mewtu jmur il-knisja wahdu Rahal il-Gdid. Rosario ma kienx johrog wahdu meta kien joqghod ghandu ghax ma kienx jafdah wahdu. Ma kienx jaf li Rosario ghamel prokura fiz-zmien meta skond hu kien diga` mar minn mohhu.

**Gaetano Carabott**, ir-ragel ta` Josepha Carabott xehed illi huwa kien ilu jaf lil Rosario Spiteri ghal tlieta u tletin sena. Kien jarah tal-inqas darba fil-gimgha l-aktar wara l-mewt ta` martu. Kien jistaqsi l-hin kollu ghal martu Maria Agnese. Meta kien ghadu f`sahhtu, Rosario kien dejjem jghid li s-sitt uliedu kienu kollha l-istess u li riedhom jirtuh b`mod ugwali. Dwar l-imgieba mentali ta` Rosario, huwa qal li ma kien kapaci jaqsam it-triq. Qabel marad, kien imur ghand xi hadd biex jimlielu l-karti tat-taxxi izda ghall-ahhar ta` hajtu beda jittraskura tant li d-Dipartiment tat-Taxxi wahhlu multi. Rosario ghamel zmien jghix mieghu u ma` martu. Il-qaghda mentali tieghu ma kenitx tajba.

Fil-**kontroezami**, huwa xehed illi meta Rosario kien jghix mal-konvenut, huwa kien diehel u hiereg mill-isptar u ghalhekk kien jarah l-isptar. Ikkonferma li kienet saret prokura sabiex jissarrfu c-cekkijiet. Il-prokura saret a favur martu. Rosario ma kienx ihawwad qabel mietet martu u mbaghad beda jhawwad wara l-mewt taghha. Rosario kellu bzonn il-kura izda imbaghad hatfu l-konvenut. Huwa qatt ma ra lil Rosario jixrob il-mistura mill-flixkun izda rah ihawwad fit-tehid tal-pilloli.

**Maria Spiteri**, mara tal-attur Carmelo Spiteri, xehdet li meta bdew jixjiehu, il-genituri ta` zewgha kienu qalulha li

riedu jhallu lis-sitt uliedhom indaqs biex jevitaw glied. Huma kellhom biss id-dar 76 Mary House, New Street, Paola. Ma kellhomx ghamara antika ghajr ghal vetrina wahda li hadha l-konvenut. Kellhom ukoll somma flus zghira depozitata l-bank. Meta Rosario Spiteri beda jixjieh beda jitlaq minn mohhu. Wara l-mewt ta` martu, kien iqatta` s-Sibt u l-Hadd ghandha u zewgha. F`dawn l-okkazzjonijiet, kien jitkellem kontinwament dwar martu daqslikieku kienet hajja. Matul il-lejl, gieli kien iqum u jkun irid johrog biex imur id-dar tieghu ghax kien jghid li l-mara tkun qeghdha tistennieh. Fl-ahhar zmien ta` hajtu ma kienx kapaci jiddeciedi ghalih innifsu. Kien jigi facilment influenzat minn haddiehor. Dak li ried jaghmel ma kienx kapaci jesprimih. Kien persuna li ma stajtx tehodlu kopja ; fis-sens li llum abjad u ghada iswed. Ma kellu kelma ta` xejn ghax kien marad minn mohhu.

**<u>Alan Scicluna</u>** xehed illi huwa kien mizzewweg lit-tifla ta` Elizabeth Farrugia u huwa kien prokuratur legali fid-Dipartiment tas-Sahha. Innota li Rosario Spiteri kien beda jgerfex. Mohhu ma kienx sar kapaci l-anqas jerfa` dak li kien ikun gara ftit tal-hin qabel. Ma kellux kontroll tal-hin fis-sens li ghalih fil-ghodu, wara l-ikel jew mal-lejl kien kollu l-istess. Fl-eqqel tas-sajf wara l-ikel, mhux l-ewwel darba li kien ikun irid imur jimxi barra minkejja s-shana. Ma kienx kapaci jzomm konverzazzjoni. Rosario ma kienx kapaci jaghmel dak li jrid u kien jigi influenzat mix-xejn u ghalhekk ma setax jaghmel atti civili.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, Alan Scicluna xehed illi huwa qatt ma ra lil Rosario Spiteri meta dan kien qed jghix mal-konvenut. Jaf li Rosario kien jittiehed ghand it-tabib. Huwa qatt ma ssuggerixxa li Rosario jigi nterdett jew illi jigi nkapacitat.

**<u>Il-konvenut</u>** xehed li wara l-mewt ta` ommu fl-2006, missieru xtaq ikompli jghix fid-dar tieghu. Ohtu Josefa Carabott kienet ipproponiet quddiem l-ahwa kollha li kull min izomm lil missier, kellu jiehu ghaxar liri ta` kull

gurnata. Huwa ma riedx flus sabiex izomm lil missieru. Uhud mill-ahwa kienu zammew lil missier ghandhom izda wara ftit zmien, il-missier kien xeba` jigri minn dar ghal ohra ghax xtaq imur jghix wahdu tieghu. Fil-fatt hutu hallewh imur ighix wahdu. Meta missieru baqa` wahdu d-dar, ohtu Marion kienet iddiskutiet mieghu sabiex isibu '*home'* ghal missierhom. Fil-fatt kien mar Villa Robininch izda ghamel hemm erbat ijiem biss. U dan peress illi hu ddecieda li jiehu lill-missieru biex joqghod id-dar tieghu, ghax il-missier ma kienx kuntent id-dar ta' l-anzjani. Missieru kien ghamel il-karta ta` l-identita` tieghu fuq l-indirizz tar-residenza tal-konvenut. U ta prokura generali lill-konvenut sabiex ikun jista` jamministra l-affarijiet tieghu. Ghal habta ta` Awissu 2006 missieru kien qallu li ried jaghtih nofs id-dar. Il-konvenut ha parir legali u kien suggerit lilu li jiehu lil missier ghal vizta ghand tabib sabiex dan ta' l-ahhar jiccertifika l-kundizzjoni tieghu. Hekk sar. Hadu ghand tabib li ra lil missieru u qallu li missieru kien kapaci jaghmel kuntratt. U sar certifikat. Wara xi tlett gimghat, il-kontenut tal-kuntratt kien spjegat lil missieru min-nutara u missieru kien ikkonferma man-nutara li huwa jaf x`kien se jaghmel. Il-missier ghex mal-konvenut mill-1 ta` Awissu 2006 sat-28 ta` Awissu 2007.

**Il-konvenut** kompla jixhed illi fiz-zmien li kien jghix mieghu, missieru kien jinhasel u jilbes wahdu. Matul dawk it-tlettax-il xahar, kwazi hadd minn hutu jew l-irgiel taghhom ma kienu jmur jara lill-missier. Maria Biamonte marret xi tlett darbiet biss fit-tlett xhur qabel il-mewt tieghu. Elizabeth Farrugia marret darbtejn matul ix-xahrejn qabel miet. Josefa Carabott u zewgha marru darba biss. Huh Carmelo u l-familja tieghu qatt ma marru jaraw lill-missier. Min-naha tieghu huwa qatt ma zamm lil hadd milli jmur jara lill-missier. Charles Farrugia qatt ma mar jarah. Mhux minnu li missieru ma kienx jaghraf il-flus, jew li mohhu kien hazin, jew li jiehu l-pilloli tal-mara tieghu minflok tieghu. Gaetano Carabott zar lil missieru darba wahda biss. Veru li kien hemm okkazjoni fejn missieru kien talab lil Josefa Carabott biex tiehdu hdejn martu, ghalkemm din kienet mietet, izda, skond il-konvenut, il-missier kien qal hekk mhux ghaliex kien tilef minn mohhu

izda ghax hass in-nuqqas tal-mara wara tant snin ta` zwieg. Kien minnu li missieru xtaq li dak li kellu jinqasam bejn is-sitt uliedu, izda wara li hamsa mill-ulied kienu spiccaw abbandunawh, iddecieda xort`ohra. Kien hu li ha hsieb lil missieru. Ikkontesta dak illi xehdet Josefa Carabott meta qalet li missieru ma kellux kamra tas-sodda tieghu u ma kellux banju fejn jinhasel. Minkejja li missieru kien jghix mieghu, huwa kien ihallih johrog wahdu barra ghaliex kien kapaci jaqsam u jaghmel kollox. Missieru kien anke jmur il-bank wahdu ghax mohhu kien ghadu tajjeb.

Fil-**kontroezami**, il-konvenut xehed illi qabel mar joqghod ghandu, missieru ghex ghal diversi granet ma’ whud minn hutu. Ma setax ighid jekk missieru kienx hallas lil hutu talli hadu hsiebu. Cahad li missieru qatt harab mill-isptar. Missieru kien rikoverat l-isptar f`erba` okkazjonijiet. Meta kien l-isptar, kien imur jara lil missieru kuljum. Cahad li qatt zamm lil hutu milli jmorru jaraw lil missieru. Kemm dam missieru mieghu, kienet zbankata mill-bank somma ta’ kwazi tnax-il elf lira Maltija. Missieru kien qal lill-konvenut biex imur il-bank u jiehu dawk il-flus, peress li hadd minn hutu ma kien izuru. Huwa ghamel kif qallu jaghmel missieru. Kull meta kien imur il-bank, missieru kien ikun mieghu u kien joqghod bilqeghda u kien jghidlu li jekk jghidulu xi haga, kien iqum hu. Kien il-missier li ffirma ghall-izbank tal-flus.

In-**Nutar Roberta Bisazza** xehdet illi hija ltaqghet mal-konvenut fl-ufficcju li kellha Haz-Zabbar u hu ntroduciha ma` missieru Rosario Spiteri. Kellha opportunitajiet titkellem ma` Rosario Spiteri wahdu partikolarment meta l-konvenut li kien jakkompanja lil missieru kien imur jipparkja l-karozza. Il-kuntratt ta` donazzjoni sar fid-data li tidher fil-kuntratt. Ic-cirkostanzi tal-kuntratt kienu normali. Qabel sar il-kuntratt, kien diga` ltaqghet mal-partijiet u hi spjegatilhom x’ kien ser isir. Il-konvenut qatt ma mar wahdu jkellimha dwar il-kuntratt izda kien imur mal-missier. Huma fissrulha x`riedu jaghmlu u hi spjegatilhom il-konsegwenzi legali u t-taxxa

involuta. Saru domandi normali dwar donazzjoni. U hi spjegat id-differenza bejn donazzjoni u bejgh. Rosario Spiteri kien kapaci jifhimha. Kienet tafu ghal zmien itwal minn meta ltaqghet mieghu. Ma kellha l-ebda dubju li kien qed jifhimha. Hija rrepetiet certi affarijiet biex tkun certa li l-partijiet kienu fehmu.

Fil-**kontroezami**, Dr Bisazza xehdet illi hija llimitat ruhha ghall-kuntratt ta` donazzjoni. U ghalhekk ma staqset xejn lil Rosario Spiteri dwar jekk kellux proprjeta' ohra oltre dik li kien ser jaghti b' donazzjoni. Rosario Spiteri kien kuntent li ser jaghmel id-donazzjoni. Hi ma kenitx taf li l-fond li kien ser jigi donat kienet l-unika proprjeta' li kellu Rosario Spiteri. Hija spjegat lil Rosario Spiteri kull ma kellu x`jaqsam mad-doazzjoni. Ikkonfermat li Rosario Spiteri kien jaf x`hinu jaghmel. Hija kienet taf li Rosario Spiteri kellu wlied ohra apparti l-konvenut.

Fir-**riezami**, Dr Bisazza spjegat li maghha Rosario Spiteri ghamel enfasi fuq il-punt li l-konvenut kien jiehu hsiebu hafna u qalilha li kien ihobbu hafna. Lill-ulied l-ohra ma semmihomx.

It-**Tabib Psikjatra Etienne Muscat** xehed dwar ic-certifikat ezebit a fol 7 fl-atti tal-Mandat ta` Inibizzjoni 1703/07. Ikkonferma li Rosario Spiteri kellu *intact testamentary capacity* ossija li kien kapaci biex jaghmel testment. Spjega illi meta jkun qed ighid *tetamentary capacity,* l-iktar li jkun jiffoka huwa fuq il-kapacita` illi jaghmel testment. Il-procedura segwita minnu kienet din : mar l-individwu ghandu ; ra lill-individwu flimkien mal-familjari li gabuh ghandu ; imbaghad ra lill-individwu wahdu. Biex jevalwa jekk l-individwu jkunx qed ibati minn marda mentali jew minn *dementia,* jara jekk tkunx taqbel l-informazzjoni li jiehu mit-terza persuna, u jara jekk l-individwu jkunx jaf bejn wiehed u iehor fuq xhiex ikunu qed jitkellmu. Fil-kaz ta` Rosario Spiteri, huwa ssofferma fuq l-affarijiet li Rosario Spiteri kellu x`jaghti u kienx kapaci jiddeciedi lil min kien ha jaghtihom. L-ezami dam bejn

nofs siegha u erbghin minuta. Rosario Spiteri kien kalm u relativament orjentat. Kien nesa x`sena kienet imma kien jaf il-gurnata, fejn kien, f`liema zmien tas-sena kienu, u kien jaf x`inhuma c-cirkostanzi tieghu ghax huwa rah xi tlett xhur wara li mietet il-mara tieghu. Rosario fissirlu kif mietet il-mara tieghu. Qallu li kien qed joqghod mal-konvenut, x`kien qed jaghmel u kif kien iqatta` l-gurnata. Dr. Muscat ikkonferma li Rosario Spiteri kien jidher *compos mentis.*

Fil-**kontroezami**, Dr Muscat xehed illi Rosario Spiteri mar ghandu darba biss. Ma kienx jafu qabel. Ma kienx jekk Rosario Spiteri kienx analfabeta jew bla skola. L-individwu kien jaf x`inhuma l-affarijiet tieghu u kif ried jqassamhom. Kien kapaci jaghraf x' irid jaghmel bl-affarijiet tieghu fost uliedu. Qallu li huwa ried jirranga l-wirt. Ma kienx jaf li Rosario Spiteri kien ser jispicca minghajr l-ebda proprjeta` f`ismu. Ghamel enfasi fuq il-fatt illi huwa kkoncentra fuq *testamentary capacity* mhux fuq *capacity to make a contract.* Waqt l-ezami kliniku, dahal fil-kwistjoni ta` min huma it-tfal, kif ried ihalli hwejgu, u ghalfejn ikun irid jiffavorixxi wild minn iehor. Kien jaf li Rosario Spiteri kien imur il-Belt kuljum b`tal-linja. Ma hassx li xi hadd kien qed jimmanipula lil Rosario Spiteri. Li kieku ffoka fuq il-kwistjoni ta` l-kapacita' li jaghmel kuntratt, kien jaghmel domandi ftit differenti izda l-bazi kienet tkun l-istess bhal kif sar fil-kaz tal-lum. Huwa ffoka fuq *testamentary capacity* ghaliex l-individwu kien qallu li ser isir testment. Li kieku l-individwu qallu li ried jaghmel kuntratt, l-analizi kienet tkun modifikata fis-sens illi l-enfasi kienet tkun dwar x`ser jaghmel, x`se jsir minn flusu u x`se jsir minnu. Ikkonferma li l-laxxitu f`testment huwa inqas problematiku u inqas komplikat minn dak ta` kuntratt.

Fir-**riezami**, Dr Muscat qal li Rosario Spiteri kien konxju li ma kienx se jkun f`qaghda li joqghod ibiddel *a piacere.* Huwa ssottolinea l-fatt illi *capacity to make a will* u *capacity to make a contract* hija l-istess hlief li tinbidel l-*issue in question.* Rosario Spiteri ghadda mill-process li sar biex jigi evalwat jekk kienx kapaci jaghmel testment.

L-intellett tieghu biex jaghmel testment kien wiehed car. Kien *alert* u *aware* ta` x` kien qed jaghmel. Li kieku l-ezami kellu jsir dwar kapacita` li jsir kuntratt ta` donazzjoni, l-analizi kienet tkun iffokata aktar fuq l-*immediate effect,* kif kien ser iqassamhom, x`kien jigri mill-ohrajn, x`kien jigri minnu u f`mohhu kif hu kien jaraha tizvolgi l-haga. Fis-sostanza, it-test tal-*capacity* kien l-istess izda l-ispecifiku jinbidel skond ic-cirkostanzi li jkunu qed jitkellmu dwarhom. Fil-kaz ta` Rosario Spiteri sab ansieta` relatata mal-mewt ta` l-mara. Ghall-bqija ma rax aktar problemi.

It-**<u>Tabib Zaid Teebi</u>** xehed mill-memorja ghax ma kienx ikkonsulta r-records tieghu pero` kien jiftakar lil Rosario Spiteri. L-ahhar li ezamina lil Rosario Spiteri kien madwar tlieta jew erba` snin qabel it-12 ta` Ottubru 2010 (id-data meta xehed). Kien ikkura lil mart Rosario. Huwa mar id-dar ta` Rosario xi darbtejn izda kien hemm okkazzjonijiet fejn Rosario u martu marru l-klinika tieghu. Rosario kien imur ghandu minhabba sahhet martu. Wara l-mewt taghha, Rosario mar ghandu f`xi okkazzjonijiet akkumpanjat mill-konvenut. Ghal Rosario, il-mewt ta` martu kienet xokk. Fizikament kien *laid back* peress li kien ihobb hafna lil martu. Meta kien ikellem lil Rosario, dan mentalment kien jirrispondih u jikkopera mieghu. Qatt ma ghamel testijiet tal-mohh fuq Rosario billi ma kien specjalista ta` dak il-kamp ghalkemm kien specjalista tal-gerjatrija. Rosario kien ihobb jirrepeti u jerga` jsemmi li martu mietet, izda dan ma kienx indikazzjoni li kien qed jitlaq minn mohhu. Rosario ma kellux id-*dementia* jew *Alzheimer's disease.* Kien jaghmillu *check up* normali. Kellu problema ta` dijabete u ta` pressjoni. Rosario dejjem kellu *eye contact* mieghu. Kien *fully independent* fizikament u ghalhekk, ma kellux bzonn ta` ghajnuna jew min idur bih.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, Dr Teebi xehed illi wara l-mewt ta` l-mara ta` Rosario huwa kien ra lil Rosario madwar hamsa jew sitt darbiet. Rosario qatt ma mar ghandu wahdu. Gieli kien akkompanjat minn bintu u gieli mill-konvenut.

Qatt ma ghamel ezami ta` l-kapacitajiet mentali ta` Rosario peress li ma kienx kompitu tieghu. Hadd ma qatt talbu jaghmel ezami ta` l-kapacitajiet mentali ta` Rosario. Li kieku saret rikjesta f`dak is-sens, kien jirriferih ghand psikjatra.

**Ikkunsidrat :**

**III.** **<u>Dritt</u>**

Skond l-**<u>Art 968 tal-Kap 16</u>,** huwa null kuntratt li jsir minn persuna li *m`ghandhiex l-uzu tar-raguni*.

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (PA/GV) tal-31 ta` Mejju 2004 fil-kawza "**<u>Cristiano vs Portelli</u>**", inghad hekk –

*Il-principji li japplikaw f' kazijiet ta' impunjazzjoni ta' att minhabba nkapacita' mentali huma :*

*1. Illi l-kapacita' hija r-regola u l-inkapacita` hija l-eccezzjoni, u ghalhekk il-presunzjoni hija favur il-kapacita` ; liema presunzjoni hija 'juris tantum' ;*

*2. Illi huma nkapaci dawk li fi zmien ta' l-att ma jkunux f`sensihom, u illi l-inkapacita` ghandha tigi ppruvata minn min irid jimpunja l-att ;*

*3. Illi biex persuna jkun kapaci jaghmel att ma hemmx bzonn li jkun perfettament u rigorozament san minn mohhu, imma huwa bizzejjed li jkollu l-uzu tar-raguni fi grad tali li jippermettilu jkun jaf x`inhu jaghmel ;*

*4. Illi biex tigi stabbilita` l-insanita` mentali ta' persuna hemm bzonn li jirrizultaw indizji gravi ;*

*5. Illi l-Qorti taghna dejjem kienu reticenti li jammettu d-domandi biex jigi annullat att minhabba nsanita` mentali jekk din l-inkapacita` ma tkunx irrizultat*

*b`mod cert minn fatti precizi u univoci, u ma jkunx gie pruvat li kienet tezisti fil-mument li persuna kien qieghed jaghmel l-att. (Vol 34 p108 App* ***Vassallo vs Dr V Sammut*** *24 ta` April 1950 u Vol 30 p 1 p 176 App* ***Formosa vs Axiak*** *20 ta' Gunju 1938).*

Sejra ssir referenza ghal dak deciz mill-qrati taghna f`materja ta` impunjazzjoni ta` testmenti li jistghu jsibu applikazzjoni b`analogija ghall-fattispecje tal-kaz tal-lum.

Fis-sentenza taghha tat-13 ta` Marzu 2009 fil-kawza '**Azzopardi et vs Camilleri noe**' deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) [Gurisdizzjoni Superjuri] (AE) [konfermata b`sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-25 ta` Mejju 2012] inghad hekk –

*L-awtur Laurent jispjega, "Non basta dunque provare che il testatore era in uno stato abituale di demenza,* ***bisogna provare invece che la sua follia era senza lucido intervallo, val dire permanente.*** *Se, al contrario, e' provato che il defunto aveva dei lucidi intervalli, egli e' certo che la prova della demenza abituale sarebbe insufficiente,* ***poiche' puo' avvenire che il testatore sia stato in un lucido intervallo nel momento in cui disponeva.****"* (*Principi di Diritto Civile, Vol. XI pagna 112). Fil-kawza* ***Anna Borg et vs Maria Borg et*** *deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Novembru 1867 gie osservat : "Attesoche' e' opinione ricevuta come vera (vedasi Troplong, Donazioni tra Vivi e Testamenti No.463)* ***che il testamento si deve presumere fatto nel tempo della rimessione del male, se l'infermo ha avuto dei lucidi intervalli*** *e l'atto porta i caratteri della saggezza....." Ghalkemm dan l-insenjament kien jirreferi ghal kwistjonijiet relatati ma` testmenti, il-qorti ma tara lebda raguni ghalfejn m'ghandux japplika fil-kaz ta` donazzjoni meta l-presunzjoni hi li persuna hi kapaci li tikkuntratta, f`donazzjoni hi liberalita' u dwar b`riferenza ghall-inkapacita japplika l-istess provvediment.* (sottolinear ta` din il-qorti).

Fis-sentenza taghha tal-31 ta` Marzu 1933 fil-kawza '**<u>Cassar vs Cassar</u>'** din il-Qorti qalet hekk –

*Questi Tribunali sono stati sempre renitenti a pronunciare la nullita' di una testamento per incapacita' mentale del testatore, a meno che tale incapacita' non consti positivamente, da fatti precisi ed univoci, e non si verifichi al momento in cui egli dettava le sue ultime volonta'.*

*Il miglior criterio sulla senita' mentale del testatore e' la ragionevolezza delle sue disposizioni, specialmente quando il testatore ne averse indicato le ragioni, riconosciute poi ragionegoli e sa vie.*

Fis-sentenza taghha tat-8 ta` Mejju 1952 fil-kawza '**<u>Mifsud et vs</u> <u>Giordano et</u>**' din il-Qorti qalet hekk –

*Il-ligi tammetti latitudni konsiderevoli fl-interpretazzjoni ta` l-istat mentali in kwantu jirreferixxi ruhu ghall-kapacita` testamentarja. U giet sostnuta b`success il-validita` ta` testment maghmul minn persuna li kienet 'a priori' turi kapacita' dubbjuza, imma li gie pruvat li kellha intelligenza sufficjenti, ghalkemm inferjuri ghall-medja, ghall-ezercizzju legali tad-dispozizzjoni ta' hwejjigha. B`mod li f`materja ta` validita` ta` testmenti, il-kwistjoni kollha tirraggira ruhha dwar il-problema jekk il-partikulari testatur jinsabx f`kondizzjoni mentali tali, minhabba fl-inkapacita` naturali, l-eta` avvanzata, mard jew insanita` li jifhem li dak li jkun qieghed ihalli bit-testment mill-istess proprjeta` tieghu jkun qieghed ihallih lil certa persuna jew persuni, li jifhem il-portata ta` l-estensjoni ta` l-assi tieghu, u li jifhem in-natura u l-effetti ta` l-att proprju fir-relazzjoni mal-pretensjonijiet naturali ta` dawk il-persuni li jigu eskluzi bit-testment tieghu.*

*Fir-ricerka dwar l-istat mentali tat-testatur il-kriterji li jistghu jigu segwiti huma diversi u varjati. Fost dawn il-kriterji, hemm il-vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet kontenuti fit-testment impunjat. U fl-ezami ta` dawn id-*

*disposizzjonijiet fit-tnissil konvincenti aktar sod tant mill-fatt ta` l-ezami ta' l-`ahhar volonta` per se, li jista` joffri bhala ndizju l-istat mentali tat-testatur, kemm ukoll mill-motiv jew motivi li jispiraw it-testatur, specjalment jekk dawk il-motivi jkunu gew espressi mit-testatur fil-waqt tat-testment jew fl-okkazzjoni meta jkun qieghed jigi kontemplat dak l-att solenni, u fl-ahharnett mill-kondizzjonijiet mentali u fizici tat-testatur fil-mument meta jkun ghamel it-testment impunjat.*

*Ir-regola tal-ligi li huma nkapaci jiddisponu minn hwejjighom dawk li ma jkunux f' sensihom ghandha tigi pprovvduta u sostanzjata minn min ikun qieghed jattakka t-testment minhabba l-inkapacita` u min jimpunja testment ghal vizzju tal-menti tat-testatur mhux biss huwa obbligat jipprova dak il-vizzju, izda l-prova tieghu ghandha tkun tikkolpixxi wkoll il-mument stess jew iz-zmien prossimu meta sar it-testment.*

*Fl-ipotezi tal-vizzju tal-menti abitwali, ppruvata l-abitwalita` it-testment maghmul mill-persuna hekk kolpita ghandu jigi prezunt li huwa invalidu, jekk min isostni l-validita` tieghu ma jippruvax li dak it-testment sar f`mument ta` lucidu interval.*

*Imma ghall-validita` ta` testment, huwa bizzejjed li t-testatur ikollu l-kuxjenza, jew ahjar li jkun jaf u jifhem x`ikun qed isir, u li fil-fatt ikun sar, b`mod li mhux imprexinidibilment mehtieg li l-volonta` intelligenti u libera tat-testatur tkun perfettament u rigorozament sana.*

Fis-sentenza taghha tal-5 ta` Ottubru 2004 fil-kawza '**Farrugia v. Farrugia et'** din il-Qorti (PA/NC) qalet illi *l-principji applikabbli u li huma assodati fil-giurisprudenza lokali u li ghandhom jiggvernaw il-vertenza in disamina, jinsabu migbura fil-kawza App. Civ. Giuseppe Formosa vs Giuseppa Axiak [1938]"*

F`sentenza ohra ta` din il-Qorti moghtija fl-24 ta` Novembru 1966 fil-kawza '**Farrugia vs Farrugia'** kien

spjegat kif ghandha ssir l-evalwazzjoni ta` konflitt ta` provi f`kawzi ta` din ix-xorta fejn konflitt ta` provi huwa prevedibbli -

*Il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikun lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc ta' probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konviciment tal-gudikant … Jigi osservat ukoll li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg versjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni … Mill-banda l-ohra pero` il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b' differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f`mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-reponsabilita' civili.*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tas-6 ta` April 1957 fil-kawza '**Psaila vs Parlar et**' nghad hekk dwar l-element tal-kapacita` -

***L-inkapacita` naturali li wiehed jikkuntratta, a differenza ta' dik civili, tissupponi l-impossibilita' naturali li wiehed jakkonsenti, u tissejjah ukoll inkapacita` assoluta, ghaliex in-nuqqas naturali tar-raguni u tal-volonta` jgib in-nuqqas tal-kunsens u kwindi l-inezistenza tal-kuntratt.***

***Ghaldaqstant, min jallega l-inkapacita` naturali ta` min ikkuntratta jehtieglu jipprova rigorozament li dak li kkuntratta, fiz-zmien tal-kuntratt impunjat ma kellux l-uzu tar-raguni, cjoe` illi l-infermita` mentali ta`***

***dak il-kontraenti kienet kompleta u tali li teskludi fih kull volonta` u kapacita` tal-kunsens, b`mod li hu kien assolutament inkonsapevoli tal-atti li kien qieghed jaghmel. Fi kliem iehor, min jimpunja att maghmul minn persuna ohra minhabba inkapacita` naturali ta` dik il-persuna, jehtieglu jipprova li dik il-persuna kienet affetta minn infermita` mentali totali u assoluta.***

***Jekk ikun hemm xi dubju dwar din il-kapacita` ghandha tirbah dejjem il-presunzjoni tal-kapacita` stabbilita mil-ligi.***

(enfasi ta` din il-qorti)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tas-6 ta` Marzu 1979 fil-kawza '**Sultana vs Sultana**', inghad illi persuna tista` tkun qeghda tbati minn infermita` mentali, izda jekk fiz-zmien illi taghmel testment jew xi att civili iehor, dik il-persuna tkun ghaddejja minn perijodu lucidu, allura dak it-testment jew att civili iehor xorta jitqies bhala validu.

Fl-istess sens inghad fis-sentenza ta` din il-Qorti tal-20 ta` Ottubru 1971 fil-kawza '**Bonavia et vs Bonavia et**' –

**…** *l-inkapacita` mentali antecedenti u sussegwenti tista` taghti lok ghall-inferenza li t-testatur kien ukoll inkapaci meta attwalment ghamel it-testment. Il-Qorti ghandha thares ukoll, u anzi thares izjed, lejn il-mument tat-testment, u dana stante r-riluttanza tal-ligi biex tannulla d-disposizzjonijiet ta' l-ahhar volonta', il-presunzjoni tal-validita' taghhom u l-gurisprudenza dwar il-lucidu interval, li ghandha tinklina lill-gudikant biex iktar jahseb li t-testment sar f`wiehed mill-lucidi intervalli, jekk dawn jirrizultaw mill-provi.*

**Ikkunsidrat :**

## IV. Risultanzi

Minn evalwazzjoni tal-kumpless tal-provi, din il-Qorti hija tal-fehma illi hi l-atturi m`ghamlux prova cara, univoka u konklussiva illi meta sar il-kuntratt ta` donazzjoni tan-nofs indiviz tal-fond “Mary House”, New Street, Paola, Rosario Spiteri ma kellux il-kapacita’ mentali li jaghmel dak il-kuntratt. Fuq l-atturi kien jinkombi l-oneru tal-prova sal-grad rikjest mil-ligi (kif fuq inghad) illi jirribattu l-prezunzjoni favur il-kapacita` (kif fuq inghad) stante li l-inkapacita’ hija meqjusa bhala l-eccezzjoni mhux ir-regola (kif fuq inghad).

Il-prova tal-atturi kienu sett ta` affidavits li fl-essenza u fis-sostanza taghhom kienu ripetizzjoni, varjata fil-minimu, ta’ l-istess allegazzjonijiet. L-atturi ma ressqu l-ebda prova ta` dak li kienu qeghdin jallegaw dwar l-inkapacita` ta` Rosario Spiteri kostitwita mix-xiehda ta` persuni barra mill-atturi jew ic-cirku familjari dirett taghhom : zwieghom, uliedhom jew l-irgiel ta` uliedhom. Ma tressqet mill-atturi l-ebda prova ta` persuni indipendenti mill-familja sabiex jaghtu libsa ta` oggettivita` lejn dak li kien qieghed jinghad minnhom dwar l-imgieba ta` Rosario Spiteri, aktar u aktar meta kien messhom fehmu jew irrealizzaw illi fl-istadju tal-provi tieghu l-konvenut kien sejjer jikkontesta l-provi taghhom. L-atturi ma gabux il-prova ta` tobba jew specjalisti biex isostnu t-tesi taghhom. Fil-kontroezami, wahda mill-atturi Maria Biomonte tghid illi missierha ma kienx mignun izda kien biss jintilef ghal ftit. Imgebbda sal-inverosimili kienet il-kantaliena ta` stqarrijiet, wahda wara l-ohra, wahda kwazi bhall-ohra, biex jinghad ghala Rosario Spiteri kien inkapaci : fosthom ir-riferenza tieghu ghal martu bhala ghadha hajja meta kienet mietet ; ir-riferenza ghall-mod kif kien jiehu jew ma jihux il-pilloli li kien jehtieg ; ic-cheques tal-pensjoni li ma kienx isarraf u ohrajn. Sahansitra waslu biex iddeskrivu bhala prova tal-allegata inkapacita` l-mod kif kien ighid it-talba tar-Ruzarju u meta kien imur ghall-festi esterni.

Il-provi attrici jinkaljaw ma` fatti krucjali. Jekk Rosario Spiteri kien diga` beda jgerfex meta Maria Agnese martu kienet ghadha hajja, u baqa` sejjer lura wara l-mewt taghha, kif accettaw l-atturi li ssir prokura, li huwa kuntratt, a favur tal-attrici Josefa Carabott ? Jekk in segwitu Rosario Spiteri ta prokura lill-konvenut, ghala l-atturi ma hadu l-ebda passi biex dik il-prokura ma tibqax tghodd ? Jekk tassew Rosario Spiteri kien qed jitlef minn mohhu bil-mod u bid-dettall li fissru l-atturi, ghala ma hadu l-ebda passi sabiex jigi interdett ? Jekk tassew kollox kien kif qalu huma, ghala qatt ma kisbu l-fehma ta` tabib specjalista sabiex jaghtihom direzzjoni dwar l-ahjar trattament li missierhom kien jehtieg ? Ghal dawn id-domandi, l-atturi kellhom iwiegbu bil-provi taghhom. Eppure ghal din il-Qorti il-kwesiti jibqghu bla risposta.

Irrizulta kemm mix-xiehda tat-Tabib Teebi u tat-Tabib Psikjatra Muscat illi Rosario Spiteri kien konsapevoli tal-mewt ta` martu. Tkellem maghhom dwar martu u dwar kemm kien ihoss in-nuqqas taghha. Dak mistqarr mill-atturi dwar l-imgieba ta` missierhom ma jwassalx ghall-konvinciment li l-missier ma kellux il-kapacita` *fl-uzu tar-raguni* li jaghmel l-att ta` donazzjoni.

L-atturi ma jgibu l-ebda prova konklussiva dwar il-qaghda ta` missierhom fil-kwazi tlettax-il xahar li dam joqghod mal-konvenut sakemm miet, zmien li kien jinkludi d-data tal-kuntratt. Huwa stabbilit bhala fatt illi f`dawk it-tlettax-il xahar, l-atturi u l-familjari taghhom ma kinux qed izuru lil missierhom regolarment ; uhud minnhom – qatt. Ghal din il-Qorti, huwa rilevanti ferm x`kienet il-qaghda ta` Rosario Spiteri fiz-zmien li sar l-att ta` donazzjoni. U l-provi tal-atturi kienu karenti ghall-ahhar. Min-naha tieghu, il-konvenut ghamel il-prova, anke bl-iskorta tad-deposizzjoni tat-Tabib Psikjatra Muscat u tan-Nutar Roberta Bisazza, illi missieru kellu s-sahha mentali tajba li jaghmel dak il-kuntratt. Ma kienx il-kaz ta` *lucid interval* (fejn allura anke hemm l-att kien ikun validu) izda kien il-

kaz ta` persuna li taf x`riedet taghmel u li kien taf il-konsegwenzi ta` dak li riedet taghmel.

Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti ghandha l-konfort ta` tliet xhieda indipendenti u cioe` in-Nutar Bisazza, li ppubblikat il-kuntratt, it-Tabib Psikjatra Muscat li hareg ic-certifikat mediku esebit, t-Tabib Teebi li kien it-tabib kuranti ta' Rosario Spiteri.

In-Nutar Bisazza tixhed illi spjegat lil Rosario Spiteri x`kienu l-konsegwenzi tal-kuntratt. Accertat ruhha li kien jaf x`qed isir anzi sostniet li kienet ix-xewqa tieghu li jsir dak il-kuntratt. Dwar ix-xiehda tat-Tabib Psikjatra Muscat. Ghalkemm irrilaxxja c-certifikat qabel sar il-kuntrat, u ghalkemm fic-certifikat tissemma l-kapacita` tal-persuna li jaghmel testment, dak ic-certifikat xorta wahda jitfa` dawl tajjeb fuq il-qaghda mentali ta' Rosario Spiteri. Irrizulta li Rosario Spiteri kien '*aware*' u '*alert'.* U kien certifikat kapaci jaghmel testment. Huwa minnu li ghall-fini ta` kapacita` fil-kaz ta` kuntratt l-ezami ta` Rosario Spiteri kellu jkun differenti minn kieku l-istess kien ser jaghmel testment, izda fl-istess waqt Dr Muscat sab li Rosario Spiteri kien mentalment kapaci jaghmel testment u ma sab l-ebda indikazzjoni li b`mod setghet twasslu biex jahseb jew jikkonkludi illi kien mentalment inkapaci. Kwindi l-prezunzjoni legali ta` kapacita` mentali baqghet mhux mittiefsa b`dak ic-certifikat mediku. L-atturi jittentaw ighidu illi bil-fatt illi l-konvenut ha lil missieru ghand psikjatra jkompli jikkonferma l-missier ma kienx f`siktu mentalment. Il-Qorti ma tistax tikkondividi din il-linja ta` hsieb. Bl-istess argument taghhom, ifisser illi bil-fatt illi l-atturi qatt ma hadu lil missierhom ghall-visita medika ta` psikjatra, ifisser illi l-atturi kellhom rashom mistrieha li missierhom kien *compos mentis* ? Huwa fatt pacifiku u risaput illi meta jkun ser isir testment jew kuntratti minn persuna anzjana, in-nutar, anke ghall-konfort tieghu stess, jitlob li jkun provdut b`certifikat mediku li jattesta l-kapacita` mentali tal-anzjan. Issa fil-kaz tal-lum, irrizulta li Dr. Bisazza ma baqghetx b`ghajnejha maghluqa fuq ic-certifikat ta` Dr Muscat qabel ippubblikat il-kuntratt, izda

ghamlet l-accertamenti taghha bhala ufficjal pubbliku. Ix-xiehda ta` t-**<u>Tabib Zaid Teebi</u>**. Kien it-tabib kuranti ta` Rosario Spiteri u ta` martu. Ghalkemm ma setax jiftakar meta kien l-ahhar li ezamina lil Rosario Spiteri, ikkonferma li l-anzjan ma kienx ibati minn *dementia.* Inoltre sostna li Rosario Spiteri kien jaf x' qieghed jaghmel u dejjem zamm konverzazzjoni tajba mieghu. Dr. Teebi kien gerjatra u allura specjalista tal-anzjani. Ighid illi l-imgieba u l-kondizzjoni ta` Rosario Spiteri qatt ma wasslitu ghall-htiega li jirreferi lill-anzjan ghall-visita ta` tabib psikjatra. Finalment bil-fatt, ammess mill-konvenut, illi kemm dam Rosario Spiteri ighix ma` l-konvenut, kienu zbankati l-flus li l-anzjan kellu depositati l-bank mhuwiex prova ta` inkapacita` jew prova rilevanti rilevanti fi procediment ta` din ix-xorta.

**Fl-isfond tal-premess, din il-Qorti tikkonkludi illi fiz-zmien li sar il-kuntratt de quo <u>ma kienx ippruvat</u> mill-atturi, sal-grad rikjest mil-ligi, kontra l-presunzjoni stabbilita mil-ligi, illi Rosario Spiteri ma kellux il-kapacita` li jaghmel att ta` liberalita` favur il-konvenut konsistenti mit-trasferiment b`donazzjoni tan-nofs indiviz tal-fond Mary House, New Street, Paola.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi qeghda tilqa` l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, qeghda tichad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------